

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2022 – Epsilon Data Management vs EUIPO – Epsilon Technologies (EPSILON TECHNOLOGIES)

(Kawża T-512/21) ⁽¹⁾

(Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' revoka – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea EPSILON TECHNOLOGIES – Użu ġenwin tat-trade mark – Artikolu 18(1), it-tieni subparagrafu, punt (a), u Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Natura tal-użu – Forma li tvarja f'elementi li ma jbidlux il-karattru distintiv – Użu għas-servizzi li għalihom it-trade mark ġiet irreġistrata”)

(2023/C 24/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Epsilon Data Management LLC (Plano, Texas, l-Istati Uniti) rappreżentanti: J. Bussé u C. De Preter, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Harrington, D. Gája u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Epsilon Technologies, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Carbonell Callicó u E. Felip Corrius, avukati)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-1 ta' Ġunju 2021 (Kawżi magħquda R 1611/2020-5 u R 1839/2020-5).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Epsilon Data Management LLC hija kkundannata tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Epsilon Technologies, SL.

⁽¹⁾ ĠU C 412, 11.10.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2022 – Grupo Eig Multimedia vs EUIPO – Globalización de Valores CFC & GCI (FORO16)

(Kawża T-796/21) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea FORO16 – Trade marks figurattivi u verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea Cambio16, Energia16, Cambio16 radio – Trade marks nazzjonali figurattivi u verbali preċedenti Camb16, DEFENSA Y SEGURIDAD 16, CAMBIO16 DIGITAL, EVENTOS 16, Salón16 – Raġuni relattiva għal rifjut – Familja ta' trade marks – Assenza ta' provi – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2023/C 24/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Grupo Eig Multimedia, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentant: D. Solana Giménez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Palmero Cabezas u R. Raponi, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Globalización de Valores CFC & GCI, SA (Mairena del Aljarafe, Spanja) (rappreżentant: I. Sánchez Iglesias, avukat)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob b'mod partikolari l-annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-20 ta' Ottubru 2021 (Każ R 1785/2020-2).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Grupo Eig Multimedia, SL huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 84, 21.2.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Novembru 2022 – uwe JetStream vs EUIPO (JET STREAM)

(Kawża T-14/22) (¹)

(Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Reġistrazzjoni internazzjonali li ssemmi l-Unjoni Ewropea – Trade mark verbali JET STREAM – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Assenza ta' karattru distintiv – Natura deskrittiva – Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001)

(2023/C 24/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: uwe JetStream GmbH (Schwäbisch Gmünd, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Schneider u C. Nemeč, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-9 ta' Novembru 2021 (Każ R 1092/2021-4).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) uwe JetStream GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 119, 14.3.2022.